**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 560/2022 GM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**George Debono (KI 330859M) u**

**Lucia Debono (KI 158359M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tas-26 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu, wara li ppremetta illi:

Ir-rikorrenti għandu titlu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Settembru 2010 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef u li permezz tiegħu l-intimati Debono ikkostitwew ruħhom debituri likwidi, ċerti u dovuti favur il-Bank hemm indikati (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

Minkejja li għaddew numru ta' snin minn dakinhar tal-kuntratt ċitat, l-intimati għadhom debituri tal-Bank rikorrenti, kif jixhed il-prospett hawn anness u mmarkat Dok B;

Peress li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-kuntratt preċitat, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda, permezz tal-preżenti titlob l-awtorizżżazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan 1-istess titolu fil-konfront tal-intimati għall-bilanċ li għad hemm dovut;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-kuntratt imsemmi u li d-dejn għadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimati li permezz tagħha opponew għat-talba billi:

1. Il-Bank naqas milli jaħlef ix-xorta tad-dejn kif titlob il-liġi.

2. Il-bank qed jitlob imgħax li jiżboq dak permess mil-liġi.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din l-azzjoni, il-Bank qiegħed jitlob li kuntratt pubbliku jerġa' jingħata l-ħajja *qua* titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn ħames snin mindu seta' jiġi esegwit u d-debitu tal-intimati għadu mhux imħallas kollu.

L-ewwel talba mhix veritjera u għalhekk ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa.

Dan ir-rikors, magħmul a bażi tal-Artiklu 258 tal-Kap 12 ma jridx irendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli l-Artiklu 256(2), iżda jrid biss li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih esegwibbli.

Lanqas hu intiż biex jiġi stabbilit l-ammont effettivament dovut. Kunsiderazzjonijiet dwar l-ammont effettivament dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti iżda *semma*i jidħlu in vigore jekk it-titolu jingħata esekuzzjoni fejn allura l-partijiet ikollhom ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-esekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi.

Għalhekk it-tieni talba hija wkoll mingħajr bażi.

**Decide:**

Għalhekk il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talba kif dedotta, salv u mpreġudikat id-drittijiet tal-intimati dwar l-ammont dovut minnhom.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati.

Mogħti kameralment, illum 20 ta' Awwissu 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA